# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 17 ta' Mejju, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**vs**

**Johann Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Johann Azzopardi, ta' 39 sena, iben Joseph u Josephine xebba Grech, imwieled il-Pieta, Malta nhar l-4 ta' Frar, 1980 u residenti fil-fond Blokk 6, Flat 9, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke, u detentur tal-karta ta' l-identita numru 106880M.

Akkuzat talli nhar l-20 ta' Novembru, 2019 ghal habta ta' bejn l-ghaxra ta' filghodu (10:00) u l-erbgha ta' wara nofsinhar (16:00) gewwa l-istabiliment Eatwell, Fi Triq Santu Wistin, San Giljan u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer;-

1. Ikkommetta serq ta' zewg biljetti tal-Ubet bil-valur ta' elf, disgha mija u sebgha u hamsin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€1,957.57) ghad-dannu ta' Ebrima Sanneh, liema serq huwa kkwalifikat bil-'valur';
2. Malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwista b'reat, naqas li jaghraf lil Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta sar jaf hekk;
3. Irrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Il-Qorti, giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kelliux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll ir-rieda ta' l-imputat li jirrifondi lill-parte leza d-danni sofferti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 216(c), 267, 289 u 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-impjutazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sena bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li jirrifondi lill-parte leza s-somma ta' elf disgha mija sebgha u hamsin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€1957.57) fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’l-Ufficju ta’ Probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**